KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 31/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

*It-Tlieta 18 ta' Lulju 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva ittri ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Steven Axisa u l-Kunsilliera Roderick Spiteri u Tyrone Muscat marbuta ma' raġunijiet personali. Il-membri qablu li huma ikunu skużati.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.30 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 3 il-Kunsillier Lynch staqsa jekk sarx progress fil-każ ta' Main Street. Hawnhekk is-Sindku informa lil membri li dan l-aħħar huwa kien qed jiġi ikkonsultat u infurmat bix-xogħol li jkun qed isir fuq il-pjazza. Infatti żied illi huwa attenda għal-laqgħa li sargħet mal-kumpanija ta' Main Street fejn ġew iċċarati il-ħsibijiet li kellhom l-istess sidien tal-ħwienet.

**3. Korrispondenza**

3.1. Ittra mil-Klabb tal-Hibernians marbuta ma' għotja ta' tifkira tar-rebħ tal-Kampjonat mill-għaqdiet lejn il-klabb. Il-membri approvaw li jerġa isir kif kien sar meta intrebaħ l-aħħar kampjonat u tingħata din it-tifkira mill-Kunsill Lokali flimkien mal-għaqdiet.

***4. Rapport ta' kull kwart***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport ta' kull kwart lil membri għax-xhur ta' April-Gunju. Il-membri approvaw.

**5. Sejħiet għall-Offerti**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi tkompla ix-xogħol fuq tender tal-patching u l-bankini kif ukoll ser isir ix-xogħol fuq it-tender tal-proġett tal-Konsulent Ewropew tal-Kunsill. Il-membri approvaw li toħroġ din l-offerta u jinżamm il-baġit kif kien fl-aħħar kuntratt.

## 6. Pjazza St. Ubaldeska

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva talba mis-Soċjeta Mużikali Kristu Sultan biex issir ikla fi Pjazza St. Ubaldeska. Hawnhekk is-Sindku qal li xtaq li din it-talba titressaq Kunsill fid-dawl tal-ħsara li qed issir fuq il-pavimentar tal-istess pjazza. Wara diskussjoni is-Sindku ippropona u l-membri qablu li m'għandom isiru l-ebda attivitajiet li fihom jisserva l-ikel f'din il-pjazza. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm l-attivita isir fit-toroq tal-madwar.

## 7. Kameras Skyline

7.1. Il-Kunsillier Bernard Lynch qal li ġiet installata il-kamera Skyline għall-pjazza. Huwa kompla li waqt ix-xogħol twaħħlu żewġ kameras oħra sabiex dawn jaqbdu l-pjazza fl-intier tagħha. Il-membri approvaw li dawn il-kameras jiġu installati sakemm ikunu fil-parametri finanzjarji li tippermetti il-liġi.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li sar kuntratt mal-kumpanija Vodafone li qed tagħti is-servizz tal-internet. Huwa fakkar li dawn il-kameras ġew installati fuq il-bini tal-ħanut tal-Vodafone li hemm fil-pjazza.

## 8. Festa 2017

8.1. Is-Sindku qal li fl-okkażjoni tal-festi speċjali tal-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Kristu Re qed jipproponi li issir tifkira ta' dan l-anniversarju u tiġi ppreżentata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Paola 2017. Il-Membri qablu.

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil membri pjanta li twasslet mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta marbuta mal-arranġamenti li saru fil-proġett tal-Pjazza sabiex il-festa tkun tista' tiġi organizzata b'mod komdu. Is-Segretarju kompla billi qal li b'din il-pjanta huwa flimkien mas-Sindku iltaqa' mal-Spettur Chantelle Casha sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa biex jiġu akkomodati il-gabbani li kienu jkunu normalment madwar il-pjazza. Kompla billi qal li tal-ikel ser jibqgħu fil-post li kellhom però irid isir tibdil fil-gabbani u stands tat-toys, qubbajt, ġelat u donuts. F'din il-laqgħa instab qbil li l-aħjar mod huwa li dawn jarmaw fi Triq il-Knisja. Il-membri approvaw. Il-membri qablu wkoll li fuq parir tal-Spettur jaraw li minn jarma imwejjed u siġġijiet fi Pjazza Ant. De Paule il-parti ta' isfel, jara li jarma biss hekk kif it-triq tingħalaq għat-traffiku.

8.3. Dwar l-armar ta' imwejjed u siġġijiet is-Sindku ippropona li tinġabar garanzija ta' €100 mingħand kull minn japplika għall-permess ta' imwejjed u siġġijiet, liema garanzija tingħata lura sakemm dawn jimxu mar-regoli kif nnotati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja speċjalment dawk marbuta mal-indafa li trid titħalla fil-post. Il-membri approvaw.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku qal li ftit ġranet ilu sargħet laqgħa mal-Spettur tal-Pulizija kif ukoll mal-Kapijiet tal-iskejjel sabiex issir organizzazzjoni aħjar tal-għeluq tat-toroq fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskejjel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li sar qbil mal-kapijiet li il-ħin jonqos għal 30 minuta u mhux 45 minuta, ser jiġu introdotti tabelli ġodda kif ukoll jibdew jitpoġġew bollards ħalli l-pulizija mibgħut ikun jista' jikkontrolla aħjar il-karozzi u dawk li jkunu qed jaqsmu fit-toroq. Il-Kunsillier Lynch qal li ma tkunx idea ħażina jekk jiġi pprojbit it-tipjip fit-triq waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal fl-iskola.

9.2. Is-Sindku informa lil membri illi fid-dawl tal-wegħda elettorali li t-toroq kollha ta' Malta ser jerġaw jinbdew mill-Gvern Ċentrali, qal li ma jagħmilx sens li l-proġett tat-toroq li kien qed jaħdem fuqu il-Kunsill jitkompla. Il-Kunsillier Ivan Barotlo staqsa meta ser jibdew dawn it-toroq għax huma urġenti. Is-Sindku qal li qed jistenna minn Transport Malta biex jaraw kif dan il-proġett ser isir sabiex issir il-pressjoni meħtieġa biex isiru dawn it-toroq. Is-Sindku kompla li l-flus li l-Kunsill kien qed jippjana fuq dawn it-toroq għandom imorru fi proġetti oħra bħal ġonna u bandli; liema proġetti ser ikun qed jippreżenta disinn dwarhom fil-laqgħat li ġejjin.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsillier Bernard Lynch xtaq jikkonferma mal-membri illi fis-17 ta' Novembru ser issir prova fis-sala tal-Mcast tal-Kunċert li ser isir bil-baned umbagħad l-għada isir il-Kunċert u l-attività ta' Jum Paola. Il-Quddies ta' Jum Paola umbagħad issir il-Ħadd 19 ta' Novembru. Il-Kunsillier Lynch qal li l-għaqdiet qed jaħdmu ukoll fuq il-programm tal-attività.

**11. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

11.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa għalfejn hemm żewġ items ta' deterġenti fl-istess ġurnata minn ħwienet differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-staff tal-Kunsill dejjem jara li jixtri l-prodotti mill-irħas ħanut/aġent u għaldaqstant jista' jkun li jinxtraw prodotti minn ħanut u oħrajn minn ħanut ieħor għax hekk ikun l-iktar vantaġġuż.

11.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 31 għas-somma ta' €28,375.93.

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 23 ta' Awissu 2017.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Awissu.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |